MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2013

Appell Kriminali Numru. 91/2012

**Appell Nru. 91/2012**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Johan Ellul**

**Illum 23 ta' Mejju, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 32685 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, nhar id-19 ta' Settembru, 2011 u fix-xhur ta' qabel meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Krista Ruggier u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond

dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Frar, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu gimghatejn detenzjoni.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta’ Frar, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar, tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lir-rikorrenti hati tal-akkuzi migjuba kontrih, tirriformaha ghal dik li hija l-piena nflitta ta’ gimghatjen detenzjoni u dana billi taghti piena aktar xierqa u gusta ghac-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti w cioe':-
IlIi l-gimghatejn detenzjoni mposti fuq ir-rikorrenti kienu ghal kollox ezagerati tenut kont tal-fatti tal-kaz.

Illi l-appellanti huwa ordnat skond il-ligi Ii jhallas manteniment ta’ € 50 fix-xahar biex ikopri manteniment ghal uliedu.

IlIi l-appellanti jhallas regolarment dan l-ammont izda sfortunatament ghal diversi xhur jinsab bla xoghol.

Illi cio nonostante l-appellanti jirnexxielu jhallas kwazi it-toto I-manteniment relattiv izda qabez ftit mill-pagamenti dovuti.

Illi ghalkemm mhux hekk ordnat, meta jkun f’perjodu Ii jsib xi xoghol, l-appellanti personalment jew tramite ommu,

ihallas oltre l-ammont ordnat bhala rigali kif fil-fatt ghamel fix-xahar ta' Dicembru 2011.

Illi l-kwerelanti taf sewwa li l-appellanti gieli hallas ammonti ulterjuri dak ordnat kif taf ukoll li qed isibha difficli biex isib xoghol b'mod regolari.

L-artikolu 338 (z) jispjega bic-car fejn tidhol il-htija tar-rikorrenti u dwar dan ma hemm ebda punti li dwarhom jista jilmenta. Infatti l-Onorabbli Qorti tal-AppeII fis-sentenza "Il-Pulizija vs. Alfred Camilleri" [18.9.2002] meta ccitat b' approvazzjponi sentenza ohra tal-istess Qorti diversament preseduta, (Appell) Krim. Pul. vs. Anthony Saliba; [15.7.1998] ) spjegat bic-car, *"...il-fatt li persuna tisfa' bla xoghoi ma jiskuzahiex mili-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Clviii , obbilgu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonaii li tahtu hu akkuzat l-appe/lant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu /appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civi/i kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billil se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwei Digriet. fi kliem iehor sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond' Awla jew Digriet jew sentenza tal-Prim' Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna il-hlas ta' manteniment, din il-Qorti ma tistax hilef issib u tikkonfermha htija, fejn l-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti,din il-Qorti, minn flok Qorti ta' Appell kriminali, tispicca tirriduci ruha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' Digrieti jew sentenzi tal-Prim' Awla u tal-Qorti tal-Appell u Digrieti tas-Sekond' Aw/a, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha."*

Izda fid-decizjoni moghtija mill-Onor. Qorti tal-Appell Kriminali presjedut mill-Onor. Imhallef J. Galea Debono fis Seduta tas-27 ta Lulju, 2006 fl-Appell Kriminali Numru. 84/2006 Il-Pulizija Vs Joseph Micallef saret riferenza b'approvazzjoin ghall-AppeII Kriminali "Il-Pulizija vs. Publius Said" [25.9.2003], *l-ghan ewlieni tal-iegislatur*

*meta ntroduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom biex effettivament ihailsu w mhux biss jippunixxi ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li, kif intqal, ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament. F'dan il-kaz dan il-ghan issa ntlahaq bil-hlas fuq imsemmi.*

Illi matul il-pendenza ta' dawn il-proceduri sar il-hlas tal-mantement dovut kif jista jigi konfermat mill-kwerelanti stess.

L-imposizzjoni ta' detenzjoni hija, f'kazijiet bhal dawn, u dejjem bir-rispett, odjuza jekk ma twassalx finalment ghal-hlas ta' manteniment kif dovut skond il-kuntratti jew digriet in kwistjoni. Illi fil-kazijiet ta' kontravvenzjoni l-legisatur impona minn detenzjoni, ammenda jew canfira. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 53 il-Q.orti tista` tordna detenzjoni ghal zmien ta' mhux izjed minn xahrejn, jew multa, inkella l-prigunerija ghal zmien mhux izjed minn xahar.

Fil-kaz odjern l-ghan tal-legislatur intlahaq.

Ikkunsidrat
B'sentenza moghtija fil-15 ta' Frar, 2012 l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal gimghatejn detenzjoni wara li sabitu hati li ma hallasx il-manteniment dovut lill-martu. Bir-ragun l-Ewwel Qorti ma laqghatx l-iskuza tal-appellant illi dan in-nuqqas ghamlu ghaliex ghamel pagamenti lill-ibnu.

L-appellant fehem sew illi din l-iskuza ma treggiex, tant illi fir-rikors tal-appell tieghu rrefera ghal gurisprudenza illi ma tharisx b'simpatija lejn skuzi ta' persuni li ma jkunx qdew l-obbligazzjonijiet taghhom versu terzi kif ordnat mill-Qorti jew minn stipulazzjonijiet kuntratwali.

Gie spjegat ukoll li jekk persuna thoss li ghandu jkun hemm xi bdil fl-obbligazzjonijiet tieghu dana ghandu jadixxi lill-Qorti kompetenti sabiex dina tbiddel dawk l-

ordnijiet u ma jistax unilateralment taqbad u jiddeciedi illi jonqos minn dawk l-obbligi minghajr tali awtorizzazzjoni.

Pero` irrizulta illi fil-mori ta' dawn il-proceduri l-appellant hallas l-arretrati kollha lill-parti civili u dina ddikjarat fil-Qorti illi ma kellhix aktar pretenzjonijiet kontra l-appellant ghal dak li jirrigwarda din il-kawza.

L-appellant irrefera ghal kawza "Il-Pulizija vs Publius Said" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Settembru 2003 fejn il-Qorti qalet *" l-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontroversja fil-Kodici Kriminali fl-1983 (bl-emenda tal-1986) kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet li ghandhom jigu dejjem osservati skrupolozament jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kuntratwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena ……."*

U dan huwa proprju dak li se taghmel din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` w tiddeciedi illi tilqa` l-appell u tirriforma l-ewwel sentenza billi filwaqt li tikkonferma f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, tirriformaha ghal dak li jirrigwarda l-piena w minflok gimghatejn detenzjoni tillibera lill-appellant that il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sean mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------